MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 204/2011

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar tas-sena elf disgha mija u tmienja u sebghin (1973) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewt ulied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt min Nutar Dottor Joseph Debono sa mit-tletin (30) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok A anness, Klawsola 4) u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut.

Illi r-rikorrenta ma kienetx dovuta manteniment ghall-ulied stante illi l-ulied kienu f'idejn il-kura u l-kustodja tal-intimat li skond il-kuntratt tas-separazzjoni (Ara Dok Ahnness , Klawsola 4) l-intimat kellu jipprovdi ghall-istess manteniment tal-ulied.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2011;

Rat ix-xiehda permezz tal-procedura tal-affidavit ta' l-intimat;

Semghet lir-rikorrenti tixhed;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul gew sodisfatti u dana peress illi l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Debono fit-30 ta' Ottubru 2001.

Illi irrizulta wkoll illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi irrizulta wkoll illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali u illi ir-rikorrenti ma kienitx dovuta manteniment ghall-ulied peress illi l-ulied kienu f'idejn il-kura u il-kustodja tal-intimat, illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni kellu jipprovdi ghall-istess manteniment taghhom.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------